ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 206

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 52

8 ta' Awwissu 2009

Werrej

I *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 723/2009 tal-25 ta' Ġunju 2009 dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC)** ........... 1

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 724/2009 tas-7 ta' Awwissu 2009 li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ........................ 9

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 725/2009 tas-7 ta' Awwissu 2009 li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Pan de Cruz de Ciudad Real (IĠP))** ................................................. 11

(*Ikompli fil-paġna ta' wara*)



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Il-Kummissjoni**

2009/603/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Awwissu 2009 li tistabbilixxi r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni tal-produtturi ta' batteriji u ta' akkumulaturi skont id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill** *(notifikata bid-dokument numru C(2009) 6054)* ([1]) ............................ 13

2009/604/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Awwissu 2009 li tikkonċerna l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità, għas-sena 2009, għal proġett bi prova ta' sentejn fil-qasam tal-kwalità tal-arja fl-iskejjel** ............................ 16

III *Atti adottati skont it-Trattat tal-UE*

ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

★ **Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2009/605/PESK tas-7 ta' Awwissu 2009 li temenda l-Azzjoni Konġunta 2009/137/PESK li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo** ............................ 20

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 723/2009

## tal-25 ta' Ġunju 2009

## dwar il-qafas ġuridiku Komunitarju applikabbli għal Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (ERIC)

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 171 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 172, tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ([2]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([3]),

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 171 tat-Trattat il-Komunità tista' tistabbilixxi impriżi konġunti jew kwalunkwe struttura oħra meħtieġa għat-twettiq effiċjenti tal-programmi Komunitarji ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni.

(2) L-appoġġ u l-iżvilupp tal-infrastrutturi tar-riċerka fl-Ewropa ilhom fil-mira tal-Komunità, kif deher l-aħħar fid-Deċiżjoni Nru 1982/2006/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar is-Seba' Programm Kwadru tal-Komunità Ewropea għall-attivitajiet ta' riċerka, ta' żvilupp teknoloġiku u ta' dimostrazzjoni (2007-2013) ([4]) u b'mod partikolari fid-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2006/974/KE tad-19 ta' Diċembru 2006 dwar il-programm speċifiku "Kapaċitajiet" ([5]).

(3) Filwaqt li l-appoġġ tradizzjonali għall-użu u l-iżvilupp tal-infrastrutturi Ewropej tar-riċerka essenzjalment ħa l-forma ta' għotjiet favur l-infrastrutturi tar-riċerka stabbiliti fl-Istati Membri, il-ħtieġa għal sforzi addizzjonali bdiet tidher fl-aħħar snin sabiex jitħeġġeġ l-iżvilupp ta' strutturi ġodda billi jinħoloq qafas ġuridiku adegwat li għandu jiffaċilita l-istabbiliment u l-operat tagħhom fil-livell tal-Komunità.

(4) Din il-ħtieġa ssemmiet f'numru ta' okkażjonijiet, kemm fil-livell politiku mill-Istati Membri u mill-istituzzjonijiet tal-Komunità, u mid-diversi atturi fi ħdan il-komunità tar-riċerka Ewropea bħall-impriżi, iċ-ċentri tar-riċerka u l-universitajiet u, b'mod partikolari, il-Forum tal-Istrateġija Ewropea għall-Infrastrutturi tar-Riċerka (ESFRI).

(5) Filwaqt li r-rwol ċentrali tal-infrastrutturi tar-riċerka xjentifika ta' klassi dinjija għall-ksib tal-għanijiet tar-RŻT tal-Komunità stabbiliti fl-Artikolu 163 tat-Trattat b'hekk ilu rikonoxxut taħt il-Programmi ta' Qafas tar-RŻT tal-Komunità, ir-regoli li jirregolaw l-istabbiliment, il-finanzjament u l-operat ta' dawn l-istrutturi għadhom xorta waħda frammentati u reġjonalizzati. Meta jitqies li l-infrastrutturi Ewropej tar-riċerka qegħdin jikkompetu ma' dawk tal-imsieħba dinjin tal-Komunità li huma u li ser ikunu qed jinvestu ħafna f'infrastrutturi tar-riċerka moderni fuq skala kbira, u meta jitqies li dawn l-infrastrutturi qegħdin isiru dejjem iktar kumplessi u għaljin, spiss f'pożizzjoni li ma jistgħux jintlaħqu minn Stat Membru jew saħansitra minn kontinent wieħed, huwa meħtieġ li issa jiġi sfruttat u żviluppat il-potenzjal kollu tal-Artikolu 171 tat-Trattat billi jiġi stabbilit qafas li jkun fih il-proċeduri u l-kondizzjonijiet għall-istabbiliment u l-operat tal-Infrastrutturi Ewropej tar-Riċerka fuq livell

([1]) L-Opinjoni tad-19.2.2009 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([2]) L-Opinjoni tal-14.1.2009 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).
([3]) ĠU C 76, 31.3.2009, p. 6.
([4]) ĠU L 412, 30.12.2006, p. 1.
([5]) ĠU L 54, 22.2.2007, p. 101.

Komunitarju li huma meħtieġa għat-twettiq effiċjenti tal-programmi tar-RŻT tal-Komunità. Dan il-qafas ġuridiku ġdid għandu jikkumplimenta forom legali oħrajn li jeżistu taħt il-liġi nazzjonali, internazzjonali jew dik Komunitarja.

(6) B'kuntrast mal-Inizjattivi Konġunti fit-Teknoloġija (IKT) li nħolqu bħala Impriżi Konġunti li tagħhom il-Komunità hija membru u tagħtihom kontributi finanzjarji, il-Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ERIC") m'għandux jitqies bħala korp Komunitarju fis-sens tal-Artikolu 185 tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju appliabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [1] (ir-Regolament Finanzjarju), iżda bħala entità ġuridika li fiha l-Komunità mhux neċessarjament tkun membru u li ma tagħtihiex kontributi finanzjarji fis-sens tal-punt (f) tal-Artikolu 108(2), tar-Regolament Finanzjarju.

(7) Minħabba fil-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-Istati Membri u l-Komunità fl-ipprogrammar u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet tar-riċerka rispettivi tagħhom b'mod kumplimentari, kif stabbilit fl-Artikoli 164 u 165 tat-Trattat, għandhom ikunu l-Istati Membri interessati, waħidhom jew flimkien ma' entitajiet ikkwalifikati oħra, li jiddefinixxu l-ħtiġijiet tagħhom għall-istabbiliment ta' infrastrutturi tar-riċerka f'dan il-format ġuridiku, ibbażati fuq l-attivitajiet tar-riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku tagħhom u fuq ir-rekwiżiti Komunitarji. Għall-istess raġunijiet, is-sħubija f'ERIC għandha tkun miftuħa għall-Istati Membri interessati bil-possibilità tal-parteċipazzjoni ta' pajjiżi kkwalifikati assoċjati fil-programm ta' qafas tal-Komunità għall-attivitajiet ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni (minn hawn 'il quddiem imsemmijin "stati assoċjati") u pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet intergovernattivi speċjalizzati. Flimkien mas-sħubija sħiħa, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jsiru osservaturi ta' ERIC bil-kondizzjonijiet speċifikati fl-Istatuti tiegħu.

(8) ERIC stabbilit taħt dan ir-Regolament għandu jkollu bħala l-kompitu prinċipali tiegħu l-istabbiliment u l-operat ta' infrastruttura tar-riċerka fuq bażi mhux ekonomika u għandu jiddedika l-parti l-kbira tar-riżorsi tiegħu għal dan il-kompitu prinċipali. Sabiex jiġu promossi l-innovazzjoni u l-iskambju tal-għarfien u tat-teknoloġija, l-ERIC għandu jitħalla jwettaq xi attivitajiet ekonomiċi limitati jekk dawn ikunu marbutin mill-qrib mal-kompitu prinċipali tiegħu u ma jfixklux il-kisba tiegħu. L-istabbiliment ta' infrastrutturi tar-riċerka bħala ERICs ma jeskludix li infrastrutturi tar-riċerka ta' interess pan-Ewropew li jkollhom forma ġuridika oħra jistgħu jkunu rikonoxxuti bl-istess mod bħala kontributuri għall-progress tar-riċerka Ewropea, inkluż għall-implimentazzjoni tal-pjan ta' direzzjoni żviluppat mill-ESFRI. Il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-membri tal-ESFRI u partijiet interessati oħrajn ikunu infurmati dwar dawn il-forom ġuridiċi alternattivi.

(9) L-infrastrutturi tar-riċerka għandhom jgħinu sabiex jissalvagwardjaw l-eċċellenza xjentifika tar-riċerka tal-Komunità u l-kompetittività tal-ekonomija tal-Komunità, kif ibbażati fuq previżjonijiet għal perijodu ta' żmien medju sa dak fit-tul, permezz tal-appoġġ effiċjenti tal-attivitajiet tar-riċerka Ewropej. Sabiex jinkiseb dan, huma għandhom ikunu effettivament miftuħin għall-komunità tar-riċerka Ewropea b'mod ġenerali skont ir-regoli stabbiliti fl-Istatuti tagħhom u għandu jkollhom l-ambizzjoni li jsaħħu l-kapaċitajiet xjentifiċi Ewropej lil hinn mil-livell ta' għarfien attwali u b'hekk jikkontribwixxu għall-iżvilupp taż-Żona Ewropea tar-Riċerka.

(10) Bil-għan li jkun jista' jkun hemm proċedura effiċjenti għall-istabbiliment ta' ERIC, hu meħtieġ għall-entitajiet li jixtiequ jistabbilixxu ERIC li jressqu applikazzjoni lill-Kummissjoni li għandha tivvaluta, bl-għajnuna ta' esperti indipendenti, li jistgħu jinkludu ESFRI, jekk l-infrastruttura tar-riċerka proposta hijiex konformi ma' dan ir-Regolament. Tali applikazzjoni għandha tinkludi dikjarazzjoni tal-Istat Membru ospitanti li tirrikonoxxi l-ERIC bħala korp jew organizzazzjoni internazzjonali għall-fini tal-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud [2] u d-Direttiva tal-Kunsill 92/12/KEE tal-25 ta' Frar 1992 dwar l-arranġamenti ġenerali għall-prodotti soġġetti għad-dazju tas-sisa u dwar iż-żamma, ċaqliq u mmonitorjar ta' dan it-tip ta' prodotti [3], mill-istabbiliment tiegħu. L-ERIC għandu jibbenefika wkoll minn ċerti eżenzjonijiet bħala organizzazzjoni internazzjonali għall-fini tal-applikazzjoni tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar koordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [4], f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat.

(11) Għal raġunijiet ta' trasparenza, id-deċiżjoni li tistabbilixxi ERIC għandha tkun ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għall-istess raġunijiet, l-elementi essenzjali tal-Istatuti tiegħu, għandhom ikunu annessi għal dawn id-deċiżjonijiet.

(12) Bil-għan li jwettaq il-kompiti tiegħu bl-iktar mod effiċjenti, ERIC għandu jkollu personalità ġuridika u jgawdi mill-iżjed kapaċità ġuridika wiesgħa mill-jum meta d-deċiżjoni tal-istabbiliment tiegħu tidħol fis-seħħ. Għandu jkollha sede statutorja, sabiex tiġi ddeterminata l-liġi applikabbli, fit-territorju ta' membru ta' dak l-ERIC li huwa Stat Membru jew pajjiż assoċjat.

(13) Is-sħubija f'ERIC għandha tkun magħmula minn tal-anqas tliet Stati Membri u tista' tinkludi pajjiżi assoċjati kkwalifikati u pajjiżi terzi li mhumiex pajjiżi assoċjati kif ukoll organizzazzjonijiet intergovernattivi speċjalizzati.

[1] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.

[2] ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1.

[3] ĠU L 76, 23.3.1992, p. 1.

[4] ĠU L 134, 30.4.2004, p. 114.

(14) F'konformità mad-dimensjoni Komunitarja ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandu jkollhom b'mod konġunt bejniethom il-maġġoranza tal-voti fl-assemblea tal-membri ta' ERIC.

(15) Għall-implimentazzjoni ta' dan il-qafas, għandhom jitniżżlu fi Statuti iktar dispożizzjonijiet dettaljati, li abbażi tagħhom, il-Kummissjoni għandha teżamina l-konformità ta' applikazzjoni mal-qafas stabbilit f'dan ir-Regolament.

(16) Huwa meħtieġ li jkun żgurat, minn naħa waħda, li ERIC jkollha l-flessibbiltà meħtieġa biex jemenda l-Istatuti tiegħu u, min-naħa l-oħra, li l-Komunità li tistabbilixxi l-ERIC iżżomm il-kontroll fuq ċerti elementi essenzjali. Jekk emenda tikkonċerna element essenzjali tal-Istatuti annessi għad-deċiżjoni li tistabbilixxi l-ERIC, tali emenda għandha tkun approvata, qabel ma tidħol fis-seħħ, permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni meħuda skont l-istess proċedura li tkun ġiet segwita fl-istabbiliment tal-ERIC. Kwalunkwe emenda oħra għandha tkun mgħarrfa lill-Kummissjoni, li għandu jkollha opportunità li toġġezzjona jekk tqis li l-emenda tmur kontra dan ir-Regolament.

(17) Huwa meħtieġ li ERIC jgħammar lilu nnifisu bil-korpi tiegħu stess għall-ġestjoni effettiva tal-attivitajiet tiegħu. L-Istatuti għandhom jiddeterminaw il-mod kif dawk il-korpi jirrappreżentaw legalment lill-ERIC.

(18) Huwa meħtieġ għal ERIC li jwettaq l-attivitajiet tiegħu skont prinċipji baġitarji sodi għall-eżerċizzju tar-responsabbiltà finanzjarja tiegħu.

(19) ERIC jista' jikkwalifika għal finanzjament skont it-Titolu VI tar-Regolament Finanzjarju. Il-finanzjament taħt il-Politika ta' Koeżjoni jista' jkun possibbli wkoll, f'konformità mal-leġislazzjoni rilevanti tal-Komunità.

(20) Bil-għan li jwettaq il-kompiti tiegħu bl-iktar mod effiċjenti u bħala konsegwenza loġika tal-personalità ġuridika tiegħu, ERIC għandu jkun responsabbli għad-djun tiegħu. Bil-għan li jippermetti lill-membri jsibu soluzzjonijiet adegwati dwar ir-responsabbiltà tagħhom, għandha tingħata l-alternattiva li fl-Istatuti jiġi pprovdut għal reġimi differenti ta' responsabbiltà li jmorru lil hinn mir-responsabbiltà limitata għall-kontribuzzjonijiet tal-membri.

(21) Peress li ERIC huwa stabbilit taħt il-liġi tal-Komunità, għandu jkun irregolat mil-liġi tal-Komunità, flimkien mal-liġi tal-Istat fejn għandu s-sede statutorja tiegħu. Madankollu, l-ERIC jista' jkollu post ta' operat fi Stat ieħor. Il-liġi ta' dak l-Istat l-ieħor għandha tapplika fir-rigward ta' kwistjonijiet speċifiċi definiti mill-Istatuti tal-ERIC. Barra minn hekk, ERIC għandu jiġi rregolat mir-regoli ta' implimentazzjoni li huma konformi mal-Istatuti.

(22) L-Istati Membri huma liberi li japplikaw jew jadottaw kwalunkwe liġi, regolament jew miżura amministrattiva li ma jmorrux kontra l-kamp ta' applikazzjoni jew l-objettivi ta' dan ir-Regolament;

(23) Bil-għan li jiżgura kontroll suffiċjenti tal-konformità ma' dan ir-Regolament, ERIC għandu jittrasmetti lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti r-rapport annwali tiegħu u kwalunkwe informazzjoni dwar ċirkostanzi li jheddu li jippreġudikaw serjament il-ksib tal-kompiti tiegħu. F'każ li l-Kummissjoni tikseb indikazzjonijiet, permezz tar-rapport annwali jew mod ieħor, li l-ERIC jaġixxi bi ksur serju ta' dan ir-Regolament jew ta' liġi applikabbli oħra, hi għandha titlob spjegazzjonijiet u/jew azzjonijiet mill-ERIC u/jew mill-membri tiegħu. F'każijiet estremi u jekk ma tittieħdet l-ebda azzjoni ta' rimedju, il-Kummissjoni tista' tħassar id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-ERIC; u b'hekk tagħti bidu għall-istralċ tal-ERIC.

(24) Peress li l-objettiv ta' dan ir-Regolament; jiġifieri l-istabbiliment ta' qafas għall-Infrastrutturi Ewropej tar-Riċerka bejn l-Istati Membri, ma jistgħux jinkisbu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri fil-qafas tas-sistemi kostituzzjonali nazzjonali tagħhom, minħabba fin-natura transnazzjonali tal-problema, u għalhekk jista' jinkiseb aħjar fil-livell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri, b'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jinkiseb dak il-għan.

(25) Peress li dan ir-Regolament hu stabbilit primarjament għat-twettiq effiċjenti tal-programmi Komunitarji ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni, u minħabba li l-miżuri meħtieġa għall-implimentazzjoni tiegħu huma essenzjalment miżuri ta' ġestjoni, dawn għandhom għalhekk jiġu adottati skont il-proċedura ta' ġestjoni prevista fl-Artikolu 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999, li tipprevedi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni ([1]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas ġuridiku li jistabbilixxi r-rekwiżiti u l-proċeduri għall-ħolqien ta' Konsorzju għal Infrastruttura Ewropea ta' Riċerka (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ERIC"), kif ukoll l-effetti ta' dan.

([1]) ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

*Artikolu 2*

**Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "infrastrutturi tar-riċerka" tfisser il-faċilitajiet, ir-riżorsi u s-servizzi relatati użati mill-komunità xjentifika sabiex titwettaq riċerka ta' livell għoli fl-oqsma rispettivi tagħhom u tkopri it-tagħmir xjentifiku prinċipali jew is-settijiet ta' strumenti; ir-riżorsi bbażati fuq l-għarfien bħall-kollezzjonijet, l-arkivji jew l-istrutturi għal informazzjoni xjentifika; li jippermettu li l-infrastrutturi bbażati fuq it-Teknoloġija tal-Informazzjoni u tat-Telekomunikazzjoni bħall-Grid, il-materjal informatiku, is-software u l-komunikazzjoni, jew kwalunkwe entità oħra ta' natura individwali biex jintlaħaq livell ta' eċċellenza fir-riċerka. Dawn l-infrastrutturi jistgħu jitqiegħdu f' "post wieħed" jew "jitqassmu" (netwerk organizzat ta' riżorsi);

(b) "pajjiż terz" tfisser Stat li mhuwiex Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

(c) "pajjiż assoċjat" tfisser pajjiż terz li huwa parti għal ftehim internazzjonali mal-Komunità, u li skont u abbażi ta' dan il-ftehim jagħti kontribuzzjoni finanzjarja għall-programmi Komunitarji ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni, kollha, jew għal parti minnhom.

*Artikolu 3*

**Kompitu u attivitajiet oħra**

1. Il-kompitu prinċipali ta' ERIC għandu jkun li jistabbilixxi u jopera infrastruttura ta' riċerka.

2. ERIC għandu jwettaq il-kompitu prinċipali tiegħu fuq bażi mhux ekonomika. Madankollu, huwa jista' jwettaq attivitajiet ekonomiċi limitati, bil-kondizzjoni li jkunu marbuta mill-qrib mal-kompitu prinċipali tiegħu u li ma jippreġudikawx il-ksib tiegħu.

3. ERIC għandu jżomm rendikont separat tal-ispejjeż u d-dħul mill-attivitajiet ekonomiċi tiegħu u għandu jitlob prezzijiet tas-suq għalihom, jew, jekk dawn il-prezzijiet ma jkunux jistgħu jiġu determinati, abbażi tal-ispejjeż totali b'marġni raġonevoli.

*Artikolu 4*

**Rekwiżiti relatati mal-infrastruttura**

L-infrastruttura tar-riċerka li għandha tiġi stabbilita minn ERIC għandha tissodisfa r-rekwiżiti li ġejjin:

(a) tkun meħtieġa għat-twettiq tal-programmi u l-proġetti ta' riċerka b'dimensjoni Ewropea, inkluż għall-eżekuzzjoni effiċjenti tal-programmi Komunitarji ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni;

(b) tirrappreżenta valur miżjud fit-tisħiħ u l-istrutturar taż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) u titjib sinifikanti fil-livell internazzjonali fl-oqsma xjentifiċi u teknoloġiċi rilevanti;

(c) jingħata aċċess effettiv, skont ir-regoli stabbiliti fl-Istatuti tiegħu, lill-komunità Ewropea tar-riċerka, magħmula minn riċerkaturi mill-Istati Membri u minn pajjiżi assoċjati;

(d) tikkontribwixxi għall-mobbiltà tal-għarfien u/jew tar-riċerkaturi fiż-Żona Ewropea tar-Riċerka (ŻER) u żżid l-użu tal-potenzjal intelletwali fl-Ewropa kollha; u

(e) tikkontribwixxi għat-tixrid u l-valorizzazzjoni tar-riżultati tal-attivitajiet Komunitarji ta' riċerka, żvilupp teknoloġiku u dimostrazzjoni.

*Artikolu 5*

**Applikazzjoni għall-istabbiliment ta' ERIC**

1. L-entitajiet li japplikaw għall-istabbiliment ta' ERIC (minn hawn 'il quddiem imsejħa "applikanti") għandhom jippreżentaw applikazzjoni lill-Kummissjoni. L-applikazzjoni għandha tiġi ppreżentata bil-miktub f'waħda mil-lingwi uffiċjali tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni u għandha tinkludi dan li ġej:

(a) talba lill-Kummissjonigħall-istabbiliment tal-ERIC;

(b) l-Istatuti proposti tal-ERIC imsemmija fl-Artikolu 10;

(c) deskrizzjoni teknika u xjentifika tal-infrastruttura tar-riċerka li għandha tiġi stabbilita u operata mill-ERIC, li tindirizza b'mod partikolari r-rekwiżiti mniżżlin fl-Artikolu 4;

(d) dikjarazzjoni mill-Istat Membru ospitanti li tirrikonoxxi l-ERIC bħala korp internazzjonali fis-sens tal-Artikoli 143(g) u 151(1)(b) tad-Direttiva 2006/112/KE u bħala organizzazzjoni internazzjonali fis-sens tat-tieni inċiż tal-Artikolu 23(1) tad-Direttiva 92/12/KEE, mill-istabbiliment tiegħu. Il-limiti u l-kondizzjonijiet tal-eżenzjonijiet previsti f'dawn id-dispożizzjonijiet għandhom jiġu stabbiliti fi ftehim bejn il-membri tal-ERIC.

2. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta l-applikazzjoni skont ir-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament. Matul din il-valutazzjoni, hija għandha tikseb l-fehmiet ta' esperti indipendenti b'mod partikolari fil-qasam tal-attivitajiet previsti għall-ERIC. Ir-riżultat ta' din il-valutazzjoni għandu jiġi kkomunikat lill-applikanti li għandhom, jekk ikun meħtieġ, jiġu mistiedna jimlew jew jemendaw l-applikazzjoni.

*Artikolu 6*

**Deċiżjoni dwar l-applikazzjoni**

1. Il-Kummissjoni għandha, b'kont meħud tar-riżultati tal-valutazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(2) u skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 20:

(a) tadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-ERIC wara li tkun sodisfatta li r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament ikunu ġew rispettati; jew

(b) tiċħad l-applikazzjoni jekk tikkonkludi li r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament mhumiex sodisfatti, inkluż fin-nuqqas tad-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 5(1)(d).

2. Id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni għandha tiġi notifikata lill-applikanti. F'każ li din tiġi miċħuda, id-deċiżjoni għandha tiġi spjegata f'termini ċari u preċiżi lill-applikanti.

Id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-ERIC għandha tiġi ppubblikata wkoll fis-serje L ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3. L-elementi essenzjali tal-Istatuti kif imniżżlin fl-Artikolu 10 l-punti (b) sa (f) u fil-punti (i) sa (vi) tal-punt (g) li jidhru fl-applikazzjoni għandhom jiġu annessi għad-deċiżjoni li tistabbilixxi l-ERIC.

*Artikolu 7*

**Status ta' ERIC**

1. ERIC għandu jkollu personalità ġuridika mid-data li fiha jkollha effett id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-ERIC.

2. ERIC għandu jkollu f'kull Stat Membru l-aktar kapaċità ġuridika wiesgħa mogħtija lill-entitajiet ġuridiċi skont il-liġi ta' dak l-Istat Membru. Huwa jista', b'mod partikolari, jakkwista, jipposedi jew jiddisponi minn proprjetà mobbli, immobbli u intellettwali, jikkonkludi kuntratti u jkun parti fi proċeduri legali.

3. ERIC huwa organizzazzjoni internazzjonali fit-tifsira tal-punt (c) tal-Artikolu 15 tad-Deċiżjoni 2004/18/KE.

*Artikolu 8*

**Sede u isem**

1. ERIC għandu jkollu sede statutorja, li għandha tkun tinsab fit-territorju ta' membru li għandu jkun Stat Membru jew pajjiż assoċjat.

2. ERIC għandu jkollu isem li jkun fih l-abbrevjazzjoni "ERIC".

*Artikolu 9*

**Rekwiżiti għas-sħubija**

1. L-entitajiet li ġejjin jistgħu jsiru membri ta' ERIC:

(a) L-Istati Membri;

(b) il-pajjiżi assoċjati;

(c) il-pajjiżi terzi li mhumiex pajjiżi assoċjati;

(d) l-organizzazzjonijiet intergovernattivi.

2. ERIC għandu jkollu mill-inqas tliet Stati Membri bħala membri. Jistgħu jingħaqdu iktar Stati Membri bħala membri fi kwalunkwe ħin fuq termini ġusti u raġonevoli kif speċifikat fl-Istatuti u bħala osservaturi mingħajr drittijiet ta' vot bil-kundizzjonijiet speċifikati fl-Istatuti. Pajjiżi assoċjati u pajjiżi terzi oħrajn li mhumiex pajjiżi assoċjati kif ukoll organizzazzjonijiet intergovernattivi jistgħu wkoll isiru membri ta' ERIC, soġġett għall-approvazzjoni tal-assemblea tal-membri, imsemmija fl-Artikolu 12(a), skont il-kondizzjonijiet u l-proċeduri għall-bidliet fl-isħubija msemmija fl-Istatuti tiegħu.

3. L-Istati Membri għandu jkollhom b'mod konġunt il-maġġoranza tad-drittijiet ta' votazzjoni fl-assemblea tal-membri.

4. Kwalunkwe Stat Membru, pajjiż assoċjat jew pajjiż terz, jista' jkun rappreżentat minn entità pubblika waħda jew iktar, inklużi reġjuni jew entitajiet privati b'missjoni ta' servizz pubbliku, fir-rigward tal-eżerċizzju ta' drittijiet speċifiċi u t-twettiq ta' obbligi speċifiċi bħala membru ta' ERIC.

5. Il-pajjiżi assoċjati, il-pajjiżi terzi u l-organizzazzjonijiet intergovernattivi li japplikaw għall-istabbiliment ta' ERIC jew għal sħubija fih għandhom jirrikonoxxu li dan għandu l-personalità u l-kapaċità ġuridiċi skont l-Artikolu 7(1) u (2), u li huwa għandu jkun soġġett għar-regoli determinati b'applikazzjoni tal-Artikolu 15.

6. Il-pajjiżi assoċjati u l-pajjiżi terzi li japplikaw għall-istabbiliment ta' ERIC jew għal sħubija fih għandhom jagħtu lill-ERIC trattament ekwivalenti għal dak li joħroġ mill-Artikoli 5(1)(d) u 7(3).

*Artikolu 10*

**Statuti**

L-Istatuti ta' ERIC għandu jkun fihom, tal-anqas, dan li ġej:

(a) lista ta' membri, osservaturi u, fejn applikabbli, ta' entitajiet li jirrappreżentaw il-membri u l-kondizzjonijiet u l-proċedura għal tibdiliet fis-sħubija u r-rappreżentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 9;

(b) il-kompiti u l-attivitajiet tal-ERIC;

(c) is-sede statutorja f'konformità mal-Artikolu 8(1);

(d) l-isem tal-ERIC f'konformità mal-Artikolu 8(2);

(e) id-dewmien, u l-proċedura għall-istralċ f'konformità mal-Artikolu 16,

(f) ir-reġim tar-responsabbiltà, f'konformità mal-Artikolu 14(2);

(g) il-prinċipji bażiċi li jkopru:

(i) il-politika dwar l-aċċess għall-utenti;

(ii) il-politika dwar l-evalwazzjoni xjentifika;

(iii) il-politika dwar id-disseminazzjoni;

(iv) il-politika dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

(v) il-politika dwar l-impjiegi, inklużi l-opportunitajiet indaqs;

(vi) il-politika dwar l-akkwist pubbliku li tirrispetta l-prinċipji ta' trasparenza, ta' non-diskriminazzjoni u ta' kompetizzjoni;

(vii) diżattivazzjoni tal-faċilitajiet, jekk ikun il-każ;

(viii) il-politika dwar id-data;

(h) id-drittijiet u l-obbligi tal-membri, inkluż l-obbligu li jagħtu kontribuzzjonijiet għal baġit ibbilanċjat u d-drittijiet ta' votazzjoni;

(i) il-korpi tal-ERIC, ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tagħhom u l-mod li fih huma jiġu kostitwiti u li jieħdu d-deċiżjonijiet, inkluż b'emenda fl-Istatuti, f'konformità mal-Artikoli 11 u 12;

(j) l-identifikazzjoni tal-lingwa/i ta' ħidma;

(k) ir-referenzi għar-regoli li jimplimentaw l-Istatuti.

L-Istatuti għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit elettroniku tal-ERIC u fis-sede statutorja tiegħu.

*Artikolu 11*

**Emendi fl-Istatuti**

1. Kwalunkwe emenda fl-Istatuti li tikkonċerna il-kwistjonijiet imsemmija fil-punti (b) sa (f) jew fil-punti (i) sa (vi) tal-punt (g) tal-Artikolu 10 għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni mill-ERIC għall-approvazzjoni. Din l-emenda m'għandhiex tieħu effett qabel ma tidħol fis-seħħ id-deċiżjoni tal-approvazzjoni tagħha. Il-Kummissjoni għandha tapplika l-Artikoli 5(2) u 6, *mutatis mutandis*.

2. Kwalunkwe emenda fl-Istatuti għajr dak imsemmi fil-paragrafu 1 għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni mill-ERIC fi żmien għaxart ijiem mill-adozzjoni tagħha.

3. Il-Kummissjoni tista' tqajjem oġġezzjoni għal tali emenda fi żmien sittin jum minn meta tiġi ppreżentata billi tagħti r-raġunijiet għaliex l-emenda ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' dan ir-Regolament.

4. L-emenda m'għandhiex tieħu effett qabel ma jkun skada l-perijodu għall-oġġezzjonijiet jew qabel dan jitneħħa mill-Kummissjoni jew qabel ma tkun irtirata oġġezzjoni li tkun tqajmet.

5. L-applikazzjoni għall-emenda għandu jkun fiha dan li ġej:

(a) it-test tal-emenda proposta jew, fejn xieraq, kif adottata, inkluża d-data li fiha tidħol fis-seħħ;

(b) il-verżjoni kkonsolidata emendata tal-Istatuti;

*Artikolu 12*

**Organizzazzjoni tal-ERIC**

L-Istatuti għandhom jipprovdu tal-anqas għall-korpi li ġejjin, li jkollhom il-kompetenzi li ġejjin:

(a) assemblea tal-membri bħala l-korp li għandu l-poteri sħaħ tat-teħid ta' deċiżjonijiet, inkluż l-adozzjoni tal-baġit;

(b) direttur jew bord tad-diretturi, maħtur mill-assemblea tal-membri, bħala l-korp eżekuttiv u r-rappreżentant ġuridiku tal-ERIC.

L-Istatuti għandhom jispeċifikaw il-mod kif il-membri tal-bord tad-diretturi jirrappreżentaw lill-ERIC legalment.

*Artikolu 13*

**Prinċipji baġitarji, kontijiet u verifika**

1. L-oġġetti kollha tad-dħul u tal-infiq ta' ERIC għandhom ikunu inklużi fl-istimi li jridu jitfasslu għal kull sena finanzjarja u għandhom jidhru fil-baġit. Għandu jkun hemm bilanċ fil-budget bejn id-dħul u l-ħruġ.

2. Il-membri ta' ERIC għandhom jiżguraw li l-approprjazzjonijiet jintużaw skont il-prinċipji ta' tmexxija finanzjarja tajba.

3. Il-baġit għandu jkun stabbilit u implimentat u l-kontijiet ikunu ppreżentati f'konformità mal-prinċipju ta' trasparenza.

4. Il-kontijiet ta' ERIC għandhom ikunu akkumpanjati minn rapport dwar il-ġestjoni baġitarja u finanzjarja tas-sena finanzjarja.

5. ERIC għandu jkun soġġett għar-rekwiżiti tal-liġi applikabbli fir-rigward tat-tħejjija, id-depożitu, il-verifika u l-pubblikazzjoni tal-kontijiet.

*Artikolu 14*

**Responsabbiltà u assigurazzjoni**

1. ERIC għandu jkun responsabbli għad-djun tiegħu.

2. Ir-responsabbiltà finanzjarja tal-membri għad-djun tal-ERIC għandha tkun limitata għall-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom magħmula lill-ERIC. Il-membri jistgħu jispeċifikaw fl-Istatuti li huma ser jassumu responsabbiltà stabbilita minn qabel akbar mill-kontribuzzjonijiet rispettivi tagħhom jew responsabbiltà bla limitu.

3. F'każ li r-responsabbiltà finanzjarja tal-membri tiegħu ma tkunx bla limitu, l-ERIC għandu joħroġ assigurazzjoni adatta biex ikopri r-riskji kollha speċifikament relatati mal-kostruzzjoni u l-operat tal-infrastruttura.

4. Il-Komunità m'għandhiex tkun responsabbli għal xi dejn tal-ERIC.

*Artikolu 15*

**Liġi applikabbli u ġurisdizzjoni**

1. L-istabbiliment u l-funzjonament intern ta' ERIC għandhom jiġu rregolati:

(a) mil-liġi tal-Komunità, b'mod partikulari dan ir-Regolament, u d-deċiżjonijiet imsemmija fl-Artikoli 6(1)(a) u 11(1);

(b) mil-liġi tal-Istat fejn l-ERIC ikollu s-sede statutorja tiegħu fil-każ ta' kwistjonijiet li mhumiex, jew huma biss parzjalment, irregolati mill-atti msemmija fil-punt (a);

(c) mill-Istatuti u r-regoli ta' implimentazzjoni tagħhom.

2. Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkollha l-ġurisdizzjoni fuq il-litigazzjoni fost il-membri fir-rigward tal-ERIC, bejn il-membri u l-ERIC u fuq kwalunkwe litigazzjoni li għaliha l-Komunità hija parti.

3. Il-leġislazzjoni tal-Komunità dwar il-ġurisdizzjoni għandha tapplika għat-tilwim bejn l-ERIC u partijiet terzi. F'każijiet mhux koperti mil-leġislazzjoni Komunitarja, hija l-liġi tal-Istat fejn l-ERIC għandu s-sede statutorja tiegħu li għandha tiddetermina l-ġurisdizzjoni kompetenti għar-riżoluzzjoni ta' dan it-tilwim.

*Artikolu 16*

**Stralċ u insolvenza**

1. L-Istatuti għandhom jiddeterminaw il-proċedura li għandha tiġi applikata fil-każ tal-istralċ tal-ERIC wara deċiżjoni tal-assemblea tal-membri. L-istralċ jista' jkun jinkludi t-trasferiment ta' attivitajiet lil entità legali oħra.

2. L-ERIC għandu jinnotifika d-deċiżjoni dwar l-istralċ lill-Kummissjoni mingħajr dewmien żejjed wara l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni mill-assemblea tal-membri, u fi kwalunkwe każ fi żmien għaxart ijiem minn din l-adozzjoni. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż adatt fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

3. L-ERIC għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bl-għeluq tal-proċedura tal-istralċ mingħajr dewmien żejjed, u fi kwalunkwe każ fi żmien għaxart ijiem minn dan l-għeluq. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż adatt fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. L-ERIC m'għandux jibqa' jeżisti mill-jum tal-pubblikazzjoni tal-avviż.

4. Fi kwalunkwe żmien, fil-każ li l-ERIC ma jkunx jista' jħallas id-djun tiegħu, għandu jinnotifika immedjatament lill-Kummissjoni b'dan. Il-Kummissjoni għandha tippubblika avviż adatt fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 17*

**Rappurtar u kontroll**

1. ERIC għandu jipproduċi rapport annwali tal-attività, li jinkludi b'mod partikolari l-aspetti xjentifiċi, operattivi u finanzjarji tal-attivitajiet tiegħu msemmijin fl-Artikolu 3. Dan għandu jkun approvat mill-assemblea tal-membri u trasmess lill-Kummissjoni u lill-awtoritajiet pubbliċi rilevanti fi żmien sitt xhur minn tmiem is-sena finanzjarja korrispondenti. Dan ir-rapport għandu jkun disponnibbli għall-pubbliku.

2. ERIC u l-Istati Membri kkonċernati għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bi kwalunkwe ċirkustanza li thedded li tfixkel serjament it-twettiq tajjeb tal-kompitu tal-ERIC jew li jfixkel l-ERIC milli jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

3. Fejn il-Kummissjoni tikseb indikazzjonijiet li ERIC ikun qiegħed jaġixxi bi ksur serju ta' dan ir-Regolament, tad-deċiżjonjiet adottati abbażi tiegħu jew ta' xi liġi applikabbli oħra, hija għandha titlob spjegazzjonijiet mill-ERIC u/jew mill-membri tiegħu.

4. Jekk, wara li tkun tat lill-ERIC u/jew lill-membri tiegħu żmien raġonevoli sabiex jipprovdu l-osservazzjonijiet tagħhom, il-Kummissjoni tikkonkludi li l-ERIC ikun qiegħed jaġixxi bi ksur serju ta' dan ir-Regolament, tad-deċiżjonijiet adottati abbażi tiegħu jew ta' xi liġi applikabbli oħra, hija tista' tipproponi azzjoni korrettiva lill-ERIC u lill-membri tiegħu.

5. F'każ li ma tittieħed l-ebda azzjoni korrettiva, il-Kummissjoni tista' tħassar id-deċiżjoni li tistabbilixxi l-ERIC skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 20. Din id-deċiżjoni għandha tiġi nnotifikata lill-ERIC u ppubblikata fis-serje L ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Dan għandu jwassal għall-istralċ tal-ERIC.

*Artikolu 18*

**Dispożizzjonijiet adatti**

L-Istati Membri għandhom jieħdu dawk il-miżuri li jkunu adatti sabiex jiżguraw l-applikazzjoni effettiva ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 19*

**Rapport u Analiżi**

Sa mhux aktar tard mis-27 ta' Lulju 2014, il-Kummissjoni għandha tibgħat rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-applikazzjoni tiegħu u, jekk ikun adatt, proposti għal emendi.

*Artikolu 20*

**Proċedura ta' kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn kumitat ta' ġestjoni.

2. Fejn isir referenza għal dan il-paragrafu, għandhom japplikaw l-Artikoli 4 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE.

Il-perijodu stabbilit fl-Artikolu 4(3) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' xahrejn.

*Artikolu 21*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, il-25 ta' Ġunju 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. MIKO

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 724/2009

## tas-7 ta' Awwissu 2009

## li jistabbilixxi l-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) [1],

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi tal-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness XV, it-Taqsima A tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-8 ta' Awwissu 2009.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fis-7 ta' Awwissu 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

(1) ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.
(2) ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**il-valuri fissi tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz ([1]) | Valur fiss tal-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MK | 29,6 |
| | XS | 23,3 |
| | ZZ | 26,5 |
| 0707 00 05 | MK | 25,2 |
| | TR | 103,3 |
| | ZZ | 64,3 |
| 0709 90 70 | TR | 103,3 |
| | ZZ | 103,3 |
| 0805 50 10 | AR | 63,9 |
| | TR | 92,6 |
| | UY | 61,1 |
| | ZA | 67,6 |
| | ZZ | 71,3 |
| 0806 10 10 | EG | 153,7 |
| | MA | 103,9 |
| | TR | 143,0 |
| | ZA | 127,8 |
| | ZZ | 132,1 |
| 0808 10 80 | AR | 90,8 |
| | BR | 67,5 |
| | CL | 81,0 |
| | CN | 96,2 |
| | NZ | 86,6 |
| | US | 85,7 |
| | ZA | 79,6 |
| | ZZ | 83,9 |
| 0808 20 50 | AR | 131,4 |
| | AU | 112,1 |
| | CL | 101,7 |
| | TR | 146,6 |
| | ZA | 90,8 |
| | ZZ | 116,5 |
| 0809 20 95 | CA | 365,6 |
| | TR | 275,1 |
| | US | 335,1 |
| | ZZ | 325,3 |
| 0809 30 | TR | 144,2 |
| | ZZ | 144,2 |
| 0809 40 05 | IL | 138,0 |
| | ZZ | 138,0 |

([1]) In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 725/2009

## tas-7 ta’ Awwissu 2009

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Pan de Cruz de Ciudad Real (IĠP))

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill Nru 510/2006 tal-20 ta’ Marzu 2006 dwar il-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi u d-denominazzjonijiet tal-oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel (1), u b’mod partikolari l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 6(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, l-applikazzjoni mressqa minn Spanja għar-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni “Pan de Cruz de Ciudad Real” kienet ippubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (2).

(2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta’ oġġezzjoni skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, din id-denominazzjoni għandha tkun irreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament b’dan hija irreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta’ Awwissu 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

(1) ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.
(2) ĠU C 324, 19.12.2008, p. 26.

*ANNESS*

Oġetti tal-ikel imsemmija fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 510/2006:

**Klassi 2.4. Ħobż, għaġina, kejkijiet, oġġetti tal-ħelu, gallettini u oġġetti oħra tal-furnar għall-bejgħ**

SPANJA

Pan de Cruz de Ciudad Real (IĠP)

II

*(Atti adottati skont it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# IL-KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tal-5 ta' Awwissu 2009**

**li tistabbilixxi r-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni tal-produtturi ta' batteriji u ta' akkumulaturi skont id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 6054)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/603/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi u li tħassar id-Direttiva 91/157/KEE [1], u b'mod partikolari, l-Artikolu 17 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2006/66/KE tipprovdi għar-reġistrazzjoni ta' produtturi ta' batteriji u akkumulaturi. Huwa neċessarju li jiġu stabbiliti rekwiżiti proċedurali li jkunu applikabbli mal-Komunità kollha sabiex jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn lil dawn il-produtturi.

(2) Hu xieraq li tiġi speċifikata l-informazzjoni li għandhom jipprovdu l-produtturi ta' batteriji u akkumulaturi meta japplikaw għar-reġistrazzjoni, filwaqt li tiġi evitata kwalunkwe ripetizzjoni tal-istess rekwiżiti relatati ma' proċeduri oħra ta' reġistrazzjoni.

(3) Kwalunkwe ħlas ta' reġistrazzjoni għandu jkun ibbażat fuq l-ispiża u maħdum proporzjonalment sabiex jiġu evitati spejjeż amministrattivi bla bżonn lill-produtturi kkonċernati.

(4) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 18(1) tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlement Ewropew u tal-Kunsill [2],

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

**Ir-rekwiżiti għar-reġistrazzjoni**

Ir-reġistrazzjoni tal-produtturi ta' batteriji u akkumulaturi għandha ssir mal-awtoritajiet nazzjonali jew mal-organizzazzjonijiet ta' responsabilità ta' produtturi nazzjonali awtorizzati mill-Istati Membri, minn hawn 'il quddiem imsejħin korpi tar-reġistrazzjoni, bil-miktub jew elettronikament.

Din il-proċedura ta' reġistrazzjoni tista' tkun parti minn proċedura oħra ta' reġistrazzjoni ta' produttur.

Il-produtturi ta' batteriji u akkumulaturi se jkollhom bżonn biss li jirreġistraw darba fi Stat Membru fejn huma jqiegħdu l-batteriji u l-akkumulaturi fis-suq tal-Istat Membru għall-ewwel darba fuq bażi professjonali, u għandhom jiġu provduti b'numru ta' reġistrazzjoni meta ssehħ ir-reġistrazzjoni.

*Artikolu 2*

**Informazzjoni li trid tingħata mill-produtturi**

Il-produtturi ta' batteriji u akkumulaturi għandhom jipprovdu l-informazzjoni stabbilita fl-Anness lill-korpi ta' reġistrazzjoni.

[1] ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1.

[2] ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.

Għall-iskop tar-reġistrazzjoni msemmija fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 1 il-produtturi ta' batteriji u akkumulaturi mhux se jkunu obbligati li jipprovdu l-ebda informazzjoni oħra għajr dik imniżżla fl-Anness.

*Artikolu 3*

**Id-drittijiet tar-reġistrazzjoni**

Il-korpi tar-reġistrazzjoni jistgħu japplikaw dritt ta' reġistrazzjoni fuq il-kundizzjoni li dawn huma abbażi tal-ispiża u proporzjonati.

Il-korpi tar-reġistrazzjoni li japplikaw id-drittijiet ta' reġistrazzjoni għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti bil-metodoloġija li tintuża biex jiġi kkalkulat il-prezz tad-drittijiet.

*Artikolu 4*

**Bidla fid-dejta tar-reġistrazzjoni**

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li fil-każ li tinbidel id-dejta provduta minn produtturi skont l-Anness għal din id-Deċiżjoni, il-produtturi għandhom jinfurmaw b'dan lill-korpi ta' reġistrazzjoni rilevanti tagħhom mhux aktar tard minn xahar wara l-bidla.

*Artikolu 5*

**It-tneħħija tar-reġistrazzjoni**

Meta l-produtturi ma jibqgħux aktar produtturi fi Stat Membru, huma għandhom ineħħu r-reġistrazzjoni billi jinfurmaw il-korp ta' reġistrazzjoni rilevanti tagħhom b'dan.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, il-5 ta' Awwissu 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Stavros DIMAS

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI PPREŻENTATA GĦAR-REĠISTRAZZJONI**

1. L-isem tal-produttur u l-ismijiet tad-ditti (jekk disponibbli) li taħthom joperaw fl-Istat Membru.

2. L-indirizz(i) tal-produttur: Il-kodiċi postali u l-lokalità, l-isem tat-triq u n-numru, il-pajjiż, il-URL, in-numru tat-telefon, kif ukoll il-persuna ta' kuntatt, in-numru tal-feks u l-indirizz tal-email tal-produttur, jekk huma disponibbli.

3. Indikazzjoni tat-tip ta' batteriji u akkumulaturi imqiegħda fis-suq mill-produttur: batteriji u akkumulaturi li jistgħu jinġarru, batteriji u akkumulaturi industrijali, jew batteriji u akkumulaturi awtomotivi.

4. L-informazzjoni dwar kif il-produttur jissodisfa r-responsabilitajiet tiegħu: bi skema individwali jew kollettiva.

5. Data tal-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni.

6. Il-kodiċi ta' identifikazzjoni nazzjonali tal-produttur, inkluż in-numru tat-taxxa Ewropew jew in-numru tat-taxxa nazzjonali tal-produttur (mhux obbligatorju).

7. Id-dikjarazzjoni li tistabbilixxi li l-informazzjoni imniżżla hija vera.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tas-7 ta' Awwissu 2009

## li tikkonċerna l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-Komunità, għas-sena 2009, għal proġett bi prova ta' sentejn fil-qasam tal-kwalità tal-arja fl-iskejjel

(2009/604/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 49(6)(a) u (b) u 75(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolamenti Finanzjaru li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 90 tiegħu,

Billi:

(1) Il-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009 jinkludi l-linja tal-baġit 17 03 09 — "Proġett pilota dwar riċerka Kumplessa dwar is-Saħħa, l-Ambjent, it-Trasport u t-Tibdil fil-Klima (l-HETC) — It-titjib fil-kwalità tal-arja interna u esterna".

(2) Skont l-Artikolu 49(1) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju"), att bażiku jrid l-ewwel jiġi adottat qabel ma jkunu jistgħu jintużaw l-approprazzjonijiet imdaħħla fil-baġit għal kull azzjoni min-naħa tal-Komunitajiet jew min-naħa tal-Unjoni Ewropea.

(3) Skont l-Artikolu 49(6)(a) u (b) tar-Regolament Finanzjarju, permezz ta' deroga mill-Artikolu 49(1), approvazzjonijiet għal skemi pilota ta' natura sperimentali maħsuba biex jittestjaw il-vijabbiltà ta' azzjoni u tal-utilità tagħha, u l-approprazzjonijiet għal azzjonijiet preparatorji fl-oqsma ta' applikazzjoni tat-Trattat tal-KE maħsuba biex iħejju proposti bil-għan li jiġu adottati azzjonijiet futuri, jistgħu jiġu implimentati mingħajr att bażiku kemm-il darba l-azzjonijiet li huma intiżi li jiffinanzjaw jaqgħu fi ħdan il-poteri tal-Komunitajiet jew l-Unjoni Ewropea.

(4) Skont l-Artikolu 75(2) tar-Regolament Finanzjarju, l-impenn tan-nefqa għandu jkun ippreċedut minn deċiżjoni dwar l-iffinanzjar adottata mill-istituzzjoni jew mill-awtoritajiet li jkunu ġew delegati l-poter li jagħmlu dan mill-istituzzjoni.

(5) Skont l-Artikolu 90(2) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002 (minn hawn 'il quddiem imsejħa "ir-regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju"), fejn l-implimentazzjoni tal-approprazzjonijiet korrispondenti hija stipulata bi programm annwali ta' ħidma li jikkostitwixxi qafas pjuttost dettaljat, il-programm ta' ħidma jrid jitqies bħala d-deċiżjoni dwar l-iffinanzjar għall-għotjiet u l-kuntratti ta' akkwist involuti.

(6) L-awtorità tal-baġit warrbet fondi speċifiċi fil-baġit tal-UE għall-2009, jiġifieri dwar il-linja tal-baġit 17 03 09 għal Proġett pilota dwar riċerka Kumplessa dwar is-Saħħa, l-Ambjent, it-Trasport u t-Tibdil fil-Klima (l-HETC) — It-titjib fil-kwalità tal-arja interna u esterna.

(7) Huwa f'loku li jiġi adottat il-programm annwali ta' ħidma għal Proġett pilota dwar riċerka Kumplessa dwar is-Saħħa, l-Ambjent, it-Trasport u t-Tibdil fil-Klima (l-HETC) — It-titjib fil-kwalità interna u esterna, li se jkun jikkostitwixxi id-deċiżjoni dwar l-iffinanzjar għal dak il-proġett fil-kuntest tal-Artikolu 75 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 90 tar-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-programm ta' ħidma stabbilit fl-Anness huwa approvat u għandu jiġi ffinanzjat permezz tal-linja tal-baġit 17 03 09 tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2009, sa massimu ta' EUR 4 000 000.

*Artikolu 2*

Din id-deċiżjoni tikkostitwixxi deċiżjoni dwar l-iffinanzjar fil-kuntest tal-Artikolu 75 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 90 tar-regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament Finanzjarju.

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.

Id-Direttur Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi se jkun responsabbli mill-implimentazzjoni ta' din id-deċiżjoni.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Awwissu 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Androulla VASSILIOU

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

**Proġett pilota dwar riċerka Kumplessa dwar is-Saħħa, l-Ambjent, it-Trasport u t-Tibdil fil-Klima (l-HETC) — It-titjib fil-kwalità tal-arja interna u esterna (il-linja tal-baġit 17 03 09)**

1. INTRODUZZJONI

1.1. *Linja tal-baġit: 17 03 09*

1.2. *Att bażiku*

Proġett pilota fil-kuntest tal-Artikolu 49(6) tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej ([1]), kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill Nru 1525/2007 ([2]).

1.3. *Għanijiet ġenerali tal-programm pilota*

L-awtorità tal-baġit ipprovdiet lill-Kummissjoni b'approprazzjoni biex tiffinanzja proġett pilota li jimmira li jespandi l-għarfien tagħna dwar i-kwalità tal-arja interna fl-iskejjel u l-bini fejn jiġu indokrati t-tfal.

Il-kwalità tal-arja interna fil-passat ingħatat inqas attenzjoni f'termini ta' riċerka mill-kwalità tal-arja esterna, anki jekk ir-riċerka f'dan l-aħħar qasam hija applikabbli għall-kwalità interna f'xi każi. Barra minn hekk, diġà jeżisti qafas komprensiv ta' leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-kwalità tal-arja esterna, filwaqt li r-regolamentazzjoni tal-kwalità tal-arja interna hija magħmula minn inizjattivi u biċċiet ta' leġiżlazzjoni mifruxa 'l hawn u 'l hinn. Apparti minn dan, il-kwalità tal-arja interna fl-iskejjel ġiet studjata ħafna inqas minn dik interna f'ambjenti fil-magħluq oħrajn. Minħabba li madwar 20 % tal-popolazzjoni tal-UE tqatta' perjodu twil kuljum fl-iskejjel, u l-inċidenza ta' ażma u mard respiratorju ieħor qiegħda tikber b'ritmu mgħaġġel fl-Ewropa, speċjalment għat-tfal, il-proġett hu maħsub li:

— Jidentifika u janalizza problemi marbuta mal-arja interna fl-iskejjel, u jiffoka fuq il-ventilazzjoni, il-kostruzzjoni fil-bini, il-manutenzjoni u t-tindif,

— Jevalwa l-effettività ta' ventilazzjoni kif suppost biex tnaqqas it-tniġġis tal-arja fil-bini tal-iskejjel,

— Jeżamina l-impatt tat-tibdil fil-klima (frekwenza dejjem tiżdied ta' perjodi partikolarment sħan, ta' perjodi partikolarment kesħin u ta' fatturi li jniġġsu l-arja) fl-iskejjel fuq saħħet it-tfal,

— Jeżamina l-impatti tal-miżuri għat-trażżin tat-tniġġis tal-arja esterna, inklużi l-miżuri meħuda f'qasir żmien, fuq il-kwalità tal-arja interna fl-iskejjel u fuq l-esponiment tat-tfal fl-ambjent skolastiku,

— Jipprovdi r-rakkomandazzjonijiet xierqa bex jiġu indirizzati l-problemi marbuta mal-kwalità tal-arja fl-ambjent skolastiku.

1.4. *Prijoritajiet speċifiċi għall-2009*

(1) Issir analiżi tal-ambjent intern fl-iskejjel, sabiex tinħareġ dejta ġdida dwar il-konċentrazzjonijiet ta' fatturi ewlenin ta' tniġġis fl-ambjent intern fl-iskejjel.

(2) Tiġi studjata l-assoċjazzjoni tat-trasport (it-traffiku) u l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq l-ambjent fl-iskejjel.

(3) Jiġu eżaminati l-effetti fuq is-saħħa mill-esponiment għall-fatturi ta' tniġġis tal-arja interna fit-tfal u jsiru rakkomandazzjonijiet għall-prevenzjoni u t-tnaqqis fil-mard respiratorju billi tittejjeb il-kwalità tal-ambjent skolastiku u b'miżuri relatati oħrajn.

(4) Jitfassal tqassim sistematiku skont is-sors ta' fatturi ta' tniġġis tal-arja interna fl-ambjent skolastiku f'termini kwantitattivi. L-identifikazzjoni tas-sorsi ewlenin għandha tgħin fit-trażżin tagħhom. F'dan il-kuntest, li nkabbru l-għarfien tagħna dwar l-emissjonijiet kimiċi mill-prodotti tal-konsuamtur u mill-materjal tal-bini huwa prijorità.

(5) Jiġu studjati l-mekkaniżmi tal-interazzjoni kimika u bijokimika fit-taħlitiet tal-arja interna misjuba fl-iskejjel u f'latitudnijiet ġeografiċi differenti, u tiġi żviluppata l-metodoloġija biex il-proċess ta' evalwazzjoni tar-riskju għas-saħħa jkun wieħed infurmat aħjar dwar l-effett ta' interazzjonijiet simili fuq ir-riskju għas-saħħa finali.

([1]) ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 343, 27.12.2007, p. 9.

(6) Jiġu żviluppati linji gwida Ewropej, abbażi ta' dak li nkiteb hawn fuq, għal skejjel Ewropej li jirrispettaw l-ambjent.

Fil-passat, diġà kien hemm żewġ proġetti marbuta mal-istess suġġett li kienu ġew sostnuti mill-Kummissjoni u mill-Parlament.

— Fl-2001, il-Kummissjoni sostniet proġett dwar is-saħħa respiratorja fl-iskejjel f'ħamest ibliet Ewropej fl-Italja, id-Danimarka, Franza, l-Italja, in-Norveġja u l-Iżvezja. Mill-proġett ħarġu problemi komuni bħalma hi ventilazzjoni fqira, preżenza għolja ta' partikulati, moffa u allerġeni. Il-proġett ikkonkluda li jkun vallapena jsir studju simili li jkopri l-Istati Membri kollha (1).

— Fl-2008 kien ippreżentat uffiċjalment proġett pilota dwar l-esponiment għal kimiċi fl-arja interna u r-riskji possibbli għas-saħħa, iffinanzjat mill-Parlament Ewropew. L-analiżi tal-proġett inkludiet l-iskejjel u l-kindergartens fi bliet madwar Stati Membri partikulari tal-UE. Is-sejbiet ewlenin jenfasizzaw il-ħtieġa għal aktar riċerka biex jiġi indirizzat il-piż tat-tniġġis tal-arja interna fuq is-saħħa pubblika (b'mod partikolari f'ambjenti fil-magħluq fejn it-tfal ikunu ta' spiss, eż. l-iskejjel u l-kindergartens) fl-Unjoni Ewropea (2).

— Fl-2009, fid-dawl tal-baġit disponibbli, ġie konkluż li l-proġett pilota għandu jkollu kopertura ġeografika usa' madwar l-Istati Membri tal-UE, b'enfasi partikolari fuq l-Istati Membri l-ġodda. Il-pajjiżi kandidati u dawk tal-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant għandhom jiġu inklużi wkoll. L-għan huwa li jinħarġu linji gwida dwar miżuri ta' rimedju biex ikopru firxa aktar wiesgħa ta' sitwazzjonijiet fl-Ewropa.

— Il-proġett pilota għandu jkompli jibni fuq proġetti preċedenti u joħloq sinerġija ma' proġetti eżistenti fil-qasam (eż. l-HITEA) (3).

2. TIP TA' GĦAJNUNA FINANZJARJA: SEJĦA GĦALL-OFFERTI

2.1. *Rendikont tar-riżorsi skont il-kapitoli/l-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati (ara t-taqsimiet ta' hawn isfel)*

Ammont totali disponibbli: EUR 4 000 000. Wara li ssir sejħa pubblika għall-offerti, jingħata kuntratt wieħed ta' servizz globali.

2.2. *Ir-riżultati mistennija tal-azzjonijiet li se jiġu sostnuti*

L-għan tas-sejħa hi biex jinkiseb aktar għarfien tal-kwalità tal-arja interna fl-iskejjel minħabba li t-tfal, li huma partikolarment vulnerabbli għall-fatturi li jniġġsu, iqattgħu ħafna minn ħinhom fl-ambjent skolastiku. Barra minn hekk, l-għan tal-istudju huwa li jinġabar għarfien tal-bosta sitwazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu fil-bini tal-iskejjel madwar l-Ewropa. L-istudju mbagħad għandu jipprovdi linja gwida maħsuba li tkopri sitwazzjonijiet varji bil-ħsieb li dan iwassal għal ambjent skolastiku b'saħħtu.

2.3. *Skeda indikattiva*

| | |
|---|---|
| Sejħa għall-offerti | Sal-aħħar tal-ewwel semestru tal-2009 |
| Selezzjoni u firma tal-kuntratt | Sal-aħħar tal-2009 |

(1) http://ec.europa.eu/health/ph_projects/2002/pollution/pollution_2002_04_en.htm
(2) http://www.bookshop.europa.eu/eubookshop/download.action?fileName=LBNA23087ENC_002.pdf&eubphfUid=582569&catalogNbr=LB-NA-23087-EN-C
(3) HITEA: Health Effects of Indoor Pollutants: Integrating microbial, toxicological and epidemiological approaches. http://www.hitea.eu/

III

*(Atti adottati skont it-Trattat tal-UE)*

# ATTI ADOTTATI SKONT IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TAL-UE

## AZZJONI KONĠUNTA TAL-KUNSILL 2009/605/PESK

**tas-7 ta' Awwissu 2009**

**li temenda l-Azzjoni Konġunta 2009/137/PESK li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea fil-Kosovo** ([1])

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikoli 14, 18(5) u 23(2) tiegħu,

Billi:

(1) Fis-16 ta' Frar 2009, il-Kunsill adotta l-Azzjoni Konġunta 2009/137/PESK ([2]) li testendi l-mandat tar-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) fil-Kosovo.

(2) L-Artikolu 5(1) tal-Azzjoni Konġunta 2009/137/PESK ippreveda ammont ta' referenza finanzjarja ta' EUR 645 000 biex tiġi koperta n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE sat-28 ta' Frar 2010. Dan l-ammont ta' referenza finanzjarja għandu jiżdied b'EUR 102 000 sabiex tiġi koperta n-nefqa relatata mal-preżenza msaħħa ta' kollegament f'Belgrad.

(3) L-Azzjoni Konġunta 2009/137/PESK għandha tiġi emendata kif meħtieġ,

ADOTTA DIN L-AZZJONI KONĠUNTA:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 5(1) tal-Azzjoni Konġunta 2009/137/PESK għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"1. L-ammont ta' referenza finanzjarja maħsub sabiex tiġi koperta n-nefqa relatata mal-mandat tar-RSUE fil-perijodu mill-1 ta' Marzu 2009 sat-28 ta' Frar 2010 għandu jkun ta' EUR 747 000."

*Artikolu 2*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

*Artikolu 3*

Din l-Azzjoni Konġunta għandha tiġi pubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Magħmula fi Brussell, is-7 ta' Awwissu 2009.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

C. BILDT

---

([1]) Skont ir-Riżoluzzjoni 1244 (1999) tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti.

([2]) ĠU L 46, 17.2.2009, p. 69.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2009 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 000 EUR fis-sena (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 100 EUR fix-xahar (*) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 700 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 70 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 40 EUR fix-xahar |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 500 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi:<br>23 lingwa uffiċjali tal-UE | 360 EUR fis-sena<br>(= 30 EUR fix-xahar) |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

(*) Il-prezz kull kopja: bi 32 paġna: 6 EUR
minn 33 sa 64 paġna: 12 EUR
aktar minn 64 paġna: Prezz fiss għal kull każ

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (Serje S – Appalti u Swieq Pubbliċi) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Il-pubblikazzjonijiet bil-flus editjati mill-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
Publications.europa.eu

L-UFFIĊĊJU TAL-PUBBLIKAZZJONIJIET UFFIĊJALI GĦALL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
L-2985 IL-LUSSEMBURGU

MT